E.D. Nru.	Nru tal-Kaxxa Antik	Isem tal-element / klassi ta' data	Isem tas-subelement/ subklassi tad-data	Numru tas-subelement tad-data	Dikjarazzjoni				Kardinalità				Format	Kodiċijiet fit-Titolu III
					D1	D2	D3	D4	D	MC	HC	HI		
19 10 015 000			Identifikatur		A	A	A	A		1x			an..20	LE
					MC	MC	MC	MC						
Grupp 99 – Elementi oħrajn tad-data (data statistika, garanziji, data relatata mat-tariffi)														
99 02 000 000	52	Tip ta' garanzija			A	A			9x				an1	Y
					D	D								
99 03 000 000	52	Referenza tal-garanzija			A	A			99x					LE
					D	D								
99 03 069 000			GRN		A	A			1x				an..24	LE
					D	D								
99 03 070 000			Kodiċi ta' aċċess		A	A			1x				an..4	LE
					D	D								
99 03 012 000			Munita		A	A			1x				a3	LE
					D	D								
99 03 071 000			Ammont li jrid jiġi kopert		A	A			1x				n..16,2	LE
					D	D								
99 04 000 000	Ġdid	Referenza speċifika ta' garanzija			A	A			1x				an..35	LE
					D	D								

KAPITOLU II

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
6.	Fejn jingħata n-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI) jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż ta' tranżitu komuni jew ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-uffiċċju doganali tat-tluq, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw.
7.	Id-Detentur tan-Numru ta' Identifikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu huwa obbligatorju biss fil-każijiet fejn in-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni tal-persuna konċernata ma jingħatax. Fejn jingħata n-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz rikonoxxut mill-Unjoni, l-isem u l-indirizz ma għandhomx jingħataw.
8.	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss fejn tkun disponibbli
30.	Il-pajjiżi jistgħu jidderogaw dan ir-rekwiżit għall-modi tat-trasport, għajr dak ferrovjarju, f'każ li l-moviment ta' tranżitu ma jaqsamx il-fruntiera esterna tal-Partijiet Kontraenti.
34.	Ma għandhiex tintuża fil-każ ta' konsenji postali jew ta' ġarr minn installazzjonijiet tat-trasport fissi.
35.	Meta l-oġġetti jinġarru f'unitajiet ta' trasport intermodali, bħal, iżda mhux limitati għal, kontejners, kaxxi skambjabbli u semitrejlers, id-detentur tal-proċedura ta' tranżitu ma għandux għaliex jipprovdi din l-informazzjoni meta l-mudell loġistiku fil-punt tat-tluq jista' jwaqqaf l-identità u n-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport milli jiġu pprovduti fil-ħin li l-oġġetti jiġu rilaxxati għat-tranżitu. L-unitajiet tat-trasport intermodali għandu jkollhom numri tal-ID uniċi u tali numri huma indikati f'E.D. L-unitajiet tat-trasport intermodali għandu jkollhom numri tal-ID uniċi u tali numri huma indikati f'E.D. 19 07 063 000 Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner
36.	Fil-każijiet li ġejjin, il-pajjiżi għandhom jidderogaw l-obbligu li jdaħħlu din l-informazzjoni fuq dikjarazzjoni ta' tranżitu li tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tat-tluq b'rabta mal-mezz tat-trasport li fuqu l-oġġetti jitgħabbew direttament: — fejn il-mudell loġistiku ma jippermettix li jiġi pprovdut dan l-element tad-data u d-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkollu l-istatus ta' AEOC fl-Unjoni jew status simili f'pajjiż ta' tranżitu komuni, u fejn l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jittraċċaw l-informazzjoni rilevanti, fejn ikun meħtieġ, mir-rekords tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu.
60.	Dan l-element tad-data għandu jiġi pprovdut meta tkun teżisti awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 55 tal-Appendiċi I.
61.	Dan l-element tad-data huwa fakultattiv meta d-dikjarazzjoni tiġi sottomessa qabel il-preżentazzjoni tal-oġġetti.
65.	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta l-awtorità doganali tkun iddeċidiet li tissiġilla l-oġġetti.
70.	Mhux għall-użu fil-każ li ma jkunx hemm uffiċċju doganali tat-tranżitu (E.D. 17 04 000 000) iddikjarat.
71.	Din l-informazzjoni ma għandhiex tingħata jekk tkun l-istess bħall-Mezzi tat-trasport tat-tluq (E.D. 19 05 000 000).
75.	Biex timtela biss meta l-leġiżlazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tipprovdi hekk.
82.	Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss meta jkun użat konsenjatur awtorizzat għad-dikjarazzjoni konċernata

TITOLU III

TITOLU III NOTI U KODIĊIJIET RELATATI MAR-REKWIŻITI KOMUNI TAD-DATA GĦAL DIKJARAZZJONI TA' TRANŻITU

It-terminu "tip/tul" fl-ispjegazzjoni ta' attribut jindika r-rekwiżiti għat-tip ta' data u għat-tul ta' data. Il-kodiċijiet għat-tipi ta' data huma kif ġej:

Grupp 11 –Messaġġ ta' informazzjoni (inkluż kodiċijiet tal-proċedura)

11 01 000 000 Tip ta' dikjarazzjoni

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Kodiċi	Deskrizzjoni	Sett tad-data fit-tabella tar-rekwiżiti tad-data fit-Titolu II ta' dan l-Anness
C	Oġġetti tal-Unjoni li ma jkunux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I.	D3
T	Konsenji mħallta li jkun fihom kemm oġġetti li jridu jitqiegħdu taħt il-proċedura T1 kif ukoll oġġetti li jridu jitqiegħdu taħt il-proċedura T2, koperti mill-Artikolu 28 tal-Appendiċi I.	D1, D2
T1	Oġġetti li ma jkollhomx l-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni, li jitpoġġew taħt il-proċedura ta' tranżitu.	D1, D2, D3
T2	Oġġetti li jkollhom l-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni, li jitpoġġew taħt il-proċedura ta' tranżitu.	D1, D2, D3
T2F	Oġġetti li jkollhom l-istatus doganali ta' oġġetti tal-Unjoni, li jiġu trasportati bejn parti tat-territorju doganali tal-Unjoni fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE jew tad-Direttiva 2008/118/KE ma japplikawx u pajjiż ta' tranżitu komuni.	D1, D2, D3
TD	Oġġetti li ma jkunux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I.	D3
X	Oġġetti tal-Unjoni li għalihom l-esportazzjoni tkun intemmet u l-ħruġ ikun ikkonfermat u li ma jkunux imqiegħda taħt proċedura ta' tranżitu fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(h) tal-Appendiċi I.	D3

11 02 000 000 Tip ta' dikjarazzjoni addizzjonali

Daħħal il-kodiċi rilevanti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

A	għal dikjarazzjoni doganali standard (skont l-Artikoli 25 u 26 tal-Appendiċi I)
D	għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali standard (kif imsemmija skont il-kodiċi A) f'konformità mal-Artikolu 29a tal-Appendiċi I

11 03 000 000 Numru tal-oġġetti tal-merkanzija

Numru tal-unità li jkun fil-Konsenja House tad-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni sommarja, in-notifika jew il-prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni. Dan in-numru huwa uniku f'kull konsenja House. L-unitajiet għandhom jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali, li jibda minn 1 għall-ewwel unità b'inkrementazzjoni ta' 1 għal kull unità sussegwenti għal kull Konsenja House.

11 07 000 000 Sigurtà

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk id-dikjarazzjoni hija kkombinata mad-Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ (EXS) jew mad-Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul (ENS) skont il-leġiżlazzjoni dwar il-miżuri ta' sikurezza u sigurtà tal-Partijiet Kontraenti rispettivi.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Kodiċi	Deskrizzjoni	Spjegazzjoni
0	Le	Id-dikjarazzjoni mhijiex ikkombinata mad-Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ jew mad-Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul.
1	ENS	Id-dikjarazzjoni hija kkombinata mad-Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul.
2	EXS	Id-dikjarazzjoni hija kkombinata mad-Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ.
3	ENS u EXS	Id-dikjarazzjoni hija kkombinata mad-Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ u mad-Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul.

11 08 000 000 Indikatur tas-sett tad-data ridott

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk id-dikjarazzjoni fihiex is-sett ta' data ridott.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

0	Le (L-oġġetti ma humiex iddikjarati bl-użu ta' sett tad-data ridott)
1	Iva (L-oġġetti huma ddikjarati bl-użu ta' sett tad-data ridott)

11 11 000 000 Numru unitarju tal-oġġetti tad-dikjarazzjoni

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data użati:

Dan in-numru huwa uniku fid-dikjarazzjoni kollha. L-unitajiet għandhom jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali, li jibda minn 1 għall-ewwel unità b'inkrementazzjoni ta' 1 għal kull unità sussegwenti.

Grupp 12 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

12 01 000 000 Dokument preċedenti

Indika d-dettalji relatati mad-dokument preċedenti.

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-oġġetti ddikjarati fid-dikjarazzjoni konċernata, b'rabta mat-tmiem tal-ħażna temporanja. Tali dettalji għandhom jinkludu l-kwantità tat-tħassir u l-unità tal-kejl rispettiva.

12 01 001 000 Numru ta' referenza

Agħti r-referenza tal-ħażna temporanja jew tal-proċedura doganali preċedenti jew tad-dokumenti doganali korrispondenti.

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – fil-każ tal-esportazzjoni segwita bi tranżitu, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru ta' identifikazzjoni jew referenza rikonoxxibbli oħra tad-dokument tiddaħħal fl-Element tad-Data 12 01 001 000.

F'każ li l-MRN jissejjaħ bħala dokument preċedenti, in-numru ta' referenza għandu jkollu l-istruttura li ġejja:

Kamp tad-data	Kontenut	Format	Eżempji
1	L-aħħar żewġ ċifri tas-sena tal-aċċettazzjoni formali tad-dikjarazzjoni (SS)	n2	21
2	Identifikatur tal-pajjiż fejn id-dikjarazzjoni / notifika tkun ippreżentata (Kodiċi tal-pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3)	a2	RO
3	Identifikatur uniku għall-messaġġ għal kull sena u għal kull pajjiż	an 12	9876AB889012
4	Identifikatur tal-proċedura	a1	B
5	Ċifra ta' kontroll	an1	1

Il-kampijiet tad-data 1 u 2 kif spjegat hawn fuq.

Il-kamp 3 tad-data għandu jimtela b'identifikatur għall-messaġġ konċernat. Il-mod kif tintuża dik it-taqsima hija r-responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, iżda kull messaġġ li jiġi ttrattat matul sena fil-pajjiż partikolari, irid ikollu numru uniku b'rabta mal-proċedura konċernata.

L-amministrazzjonijiet nazzjonali li jkunu jridu li n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali kompetenti jiġi inkluż fl-MRN, jistgħu jużaw sa mhux aktar mill-ewwel sitt karattri biex jirrappreżentawh.

Il-kamp tad-data 4 għandu jimtela b'identifikatur tal-proċedura kif definit fit-tabella ta' hawn taħt.

Il-kamp tad-data 5 għandu jimtela b'valur li huwa ċ-ċifra ta' kontroll għall-MRN kollu. Dan il-kamp tad-data jippermetti d-detezzjoni ta' żball meta jiġi ttrattat l-MRN kollu.

Il-kodiċijiet li jridu jintużaw fil-kamp tad-data 4 Identifikatur tal-proċedura:

Kodiċi	Proċedura
A	Esportazzjoni biss
B	Dikjarazzjoni sommarja tal-esportazzjoni u tal-ħruġ
C	Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ biss
D	Notifika ta' riesportazzjoni
E	Dispaċċ ta' oġġetti b'rabta ma' territorji fiskali speċjali
J	Dikjarazzjoni tat-tranżitu biss
K	Dikjarazzjoni tat-tranżitu u dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ
L	Dikjarazzjoni tat-tranżitu u dikjarazzjoni sommarja tad-dħul

Kodiċi	Proċedura
M	Dikjarazzjoni tat-tranżitu u dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ u dikjarazzjoni sommarja tad-dħul
P	Prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni/tal-Manifest doganali tal-oġġetti
R	Dikjarazzjoni tal-importazzjoni biss
S	Dikjarazzjoni tal-importazzjoni u dikjarazzjoni sommarja tad-dħul
T	Dikjarazzjoni sommarja tad-dħul biss
U	Dikjarazzjoni għal ħażna temporanja
V	Introduzzjoni ta' oġġetti b'rabta ma' territorji fiskali speċjali
W	Dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja u dikjarazzjoni sommarja tad-dħul
Z	Notifika tal-wasla

12 01 002 000 Tip

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-kodiċijiet jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data TARIC.

12 01 003 000 Tip ta' pakketti

Daħħal il-kodiċi li jispeċifika t-tip ta' pakkett rilevanti għat-tħassir tan-numru tal-pakketti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-kodiċi tat-tip ta' pakkett kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 1.

12 01 004 000 Għadd ta' pakketti

Daħħal in-numru tat-tħassir rilevanti tal-pakketti.

12 01 005 000 Unità tal-kejl u kwalifikatur

Daħħal l-unità tal-kejl tat-tħassir rilevanti u l-kwalifikatur.

Il-kodiċijiet u l-formati tagħhom li għandhom jintużaw huma:

Għandhom jintużaw l-unitajiet ta' kejl u l-kwalifikaturi ddefiniti fit-TARIC. F'każ bħal dan, il-format tal-unitajiet ta' kejl u tal-kwalifikaturi għandu jkun an..4, iżda qatt ma għandhom ikunu formati n..4, li huma rriżervati għall-unitajiet ta' kejl u għall-kwalifikaturi nazzjonali.

Jekk l-ebda minn dawn l-unitajiet ta' kejl u l-kwalifikaturi ma jkun disponibbli fit-TARIC, jistgħu jintużaw l-unitajiet ta' kejl u l-kwalifikaturi nazzjonali. Il-format tagħhom għandu jkun n..4.

12 01 006 000 Kwantità

Daħħal il-kwantità tat-tħassir rilevanti.

12 01 007 000 Identifikatur unitarju tal-oġġetti °°°*Numru unitarju tal-oġġetti****

Daħħal in-numru unitarju tal-oġġetti kif dikjarat fid-dokument preċedenti.

12 01 079 000 Komplement ta' informazzjoni

Daħħal informazzjoni komplementari dwar id-dokument preċedenti.

Dan l-element tad-data jippermetti lill-operatur ekonomiku jipprovdi kwalunkwe informazzjoni komplementari relatata mad-Dokument preċedenti.

12 02 000 000 Informazzjoni addizzjonali:

Uża dan l-element tad-data fir-rigward tal-informazzjoni li għaliha l-leġiżlazzjoni tal-Partijiet Kontraenti ma tispeċifikax il-kamp li fih għandha tiddaħħal.

12 02 008 000 Kodiċi

Daħħal il-kodiċi rilevanti, u, jekk applikabbli, il-kodiċi previst mill-pajjiż konċernat.

Il-kodiċijiet u l-formati tagħhom li għandhom jintużaw huma:

Jintuża kodiċi ta' ħames ċifri għall-kodifikazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali ta' natura doganali:

Kodiċi 0xxxx - Kategorija ġenerali

Kodiċi 2xxxx - Dwar it-tranżitu

Il-kodiċijiet "00200", "20100", "20200" u "20300" jintużaw fil-każ ta' dikjarazzjonijiet ta' tranżitu stampati u elettroniċi, fejn applikabbli.

Kodiċi	Bażi ġuridika	Suġġett	Informazzjoni addizzjonali
00200	Anness A1a, Titolu III	Bosta okkorrenzi tad-dokumenti u tal-partijiet	"Varji"
20100	Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni minn Parti Kontraenti waħda jew mill-Unjoni soġġett għal restrizzjonijiet	
20200	Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni minn Parti Kontraenti waħda jew mill-Unjoni soġġett għal dazji	
20300	Artikolu 18 tal-Konvenzjoni	Esportazzjoni	"Esportazzjoni"

Il-pajjiżi jistgħu jiddefinixxu l-kodiċijiet nazzjonali.

Il-kodiċijiet nazzjonali jrid ikollhom il-format a1an4.

12 02 009 000 Test

Jekk ikun meħtieġ, jista' jingħata kwalunkwe test ta' spjegazzjoni għall-kodiċi ddikjarat.

12 03 000 000 Dokument ta' sostenn

12 03 001 000 Numru ta' referenza

In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' referenza tad-dokumenti jew taċ-ċertifikati tal-Partijiet Kontraenti jew internazzjonali prodotti b'sostenn għad-dikjarazzjoni.

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti , daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien mad-data ta' referenza tad-dokumenti prodotti b'appoġġ għad-dikjarazzjoni.

In-numru ta' identifikazzjoni jew ta' referenza tad-dokumenti jew taċ-ċertifikati nazzjonali prodotti b'appoġġ għad-dikjarazzjoni.

12 03 002 000 Tip

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-oġġetti ddikjarati fid-dikjarazzjoni konċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni.

Il-kodiċijiet u l-formati tagħhom li għandhom jintużaw huma:

Dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet tal-Partijiet Kontraenti jew internazzjonali, prodotti b'sostenn għad-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu, jridu jiddaħħlu fil-format a1an3. Il-lista ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data TARIC.

Dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet nazzjonali, prodotti b'sostenn għad-dikjarazzjonijiet ta' tranżitu, jridu jiddaħħlu fil-format n1an3. L-erba' karattri jirrappreżentaw kodiċijiet abbażi tan-nomenklatura tal-pajjiż stess.

12 03 013 000 Numru tal-entrata f'linja tad-dokument:

Daħħal in-numru sekwenzjali tal-unità fid-dokument ta' appoġġ (eż. ċertifikat, liċenzja, permess, dokument tad-dħul eċċ.), li jikkorrispondi għall-unità inkwistjoni.

12 03 079 000 Komplement ta' informazzjoni

Daħħal informazzjoni komplementari dwar id-Dokument ta' sostenn.

Dan l-element tad-data jippermetti lill-operatur ekonomiku jipprovdi kwalunkwe informazzjoni komplementari relatata mad-Dokument ta' sostenn.

12 04 000 000 Referenza addizzjonali

12 04 001 000 Numru ta' referenza

In-numru ta' referenza jew numru ta' referenza rikonoxxibbli ieħor li ma huwiex kopert mid-Dokument ta' sostenn, mid-Dokument tat-trasport jew minn Informazzjoni addizzjonali.

12 04 002 000 Tip

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli.

Il-kodiċijiet u l-formati tagħhom li għandhom jintużaw huma:

Il-kodiċijiet tal-Partijiet Kontraenti għal Referenzi addizzjonali jridu jiddaħħlu fil-format a1an3. Il-lista ta' referenzi addizzjonali u l-kodiċijiet rispettivi tagħhom jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data TARIC.

Il-pajjiżi jistgħu jiddefinixxu l-kodiċijiet nazzjonali. Kodiċijiet tar-Referenzi addizzjonali nazzjonali jridu jiddaħħlu fil-format n1an3, possibbilment segwiti jew b'numru ta' identifikazzjoni jew b'referenza rikonoxxibbli oħra. L-erba' karattri jirrappreżentaw kodiċijiet abbażi tan-nomenklatura tal-pajjiż stess.

12 05 000 000 Dokument tat-trasport

Dan l-element tad-data jinkludi t-tip u r-referenza tad-dokument tat-trasport.

12 05 001 000 Numru ta' referenza

Il-kolonni D1 u D2 tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data:

Dan l-element tad-data jinkludi r-referenza għad-dokument(i) tat-trasport li jkopri/u t-trasport tal-oġġetti meta jkunu fi tranżitu.

Għal kolonna D3:

Dan l-element tad-data jinkludi r-referenza tad-dokument tat-trasport li jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

12 05 002 000 Tip

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-kodiċijiet jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data TARIC.

12 08 000 000 Numru ta' referenza/UCR

Din l-entrata tikkonċerna n-numru ta' referenza uniku tal-konsenja assenjat mill-persuna konċernata lill-konsenja inkwistjoni.

Huwa jista' jieħu l-forma ta' kodiċijiet tad-WCO (ISO 15459) jew l-ekwivalenti. Dan jipprovdi aċċess għad-data kummerċjali sottostanti ta' interess għad-dwana.

12 09 000 000 LRN

Għandu jintuża n-numru ta' referenza lokali (LRN). Jiġi definit fuq livell nazzjonali u allokat mid-dikjarant bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi identifikata kull dikjarazzjoni unika.

12 12 000 000 Awtorizzazzjoni

12 12 001 000 Numru ta' referenza

Daħħal in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa għad-dikjarazzjoni u n-notifika.

12 12 002 000 Tip

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika t-tip tad-dokument.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-kodiċijiet jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data TARIC.

Grupp 13 – Partijiet

13 02 000 000 Konsenjatur

Il-parti li tkun qed tikkonsenja l-oġġetti kif stipulat fil-kuntratt ta' trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Dan l-element jrid jiġi pprovdut meta jkun differenti mid-dikjarant.

13 02 016 000 Isem

Daħħal l-isem sħiħ u fejn applikabbli l-formola ġuridika tal-parti.

13 02 017 000 Numru ta' identifikazzjoni:

Daħħal in-numru EORI tal-konsenjatur jew in-numru ta' identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiż terz li jkun rikonoxxut mill-Parti Kontraenti konċernata, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Parti Kontraenti konċernata mill-pajjiż terz konċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

L-istruttura ta' numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Parti Kontraenti konċernata hija din:

Kamp tad-data	Kontenut	Format
1	Kodiċi tal-pajjiż	a2
2	Numru uniku ta' identifikazzjoni f'pajjiż terz	an..15

Kodiċi tal-pajjiż: Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

13 02 018 000 Indirizz:

13 02 018 019 Triq u numru

Daħħal l-isem tat-triq tal-indirizz tal-parti u n-numru tal-binja jew tal-faċilità.

13 02 018 020 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

13 02 018 021 Kodiċi postali:

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għad-dettalji tal-indirizz relatati.

13 02 018 022 Belt

Daħħal l-isem tal-belt tal-indirizz tal-parti.

13 02 074 000 Persuna ta' kuntatt

13 02 074 016 Isem

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

13 02 074 075 Numru tat-telefon

Daħħal in-numru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt.

13 02 074 076 Indirizz tal-posta elettronika

Daħħal l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt.

13 03 000 000 Konsenjatarju

Il-parti li effettivament lilha jiġu kkonsenjati l-oġġetti.

Dan l-element ta' data u s-subelementi tiegħu jistgħu jiġu dikjarati fil-livell HI sakemm isir l-aġġornament tal-NCTS imsemmi fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2879 mill-Partijiet Kontraenti kollha.

13 03 016 000 Isem

Daħħal l-isem sħiħ u fejn applikabbli l-formola ġuridika tal-parti.

13 03 017 000 Numru ta' identifikazzjoni

Daħħal in-numru EORI jew in-numru ta' identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiż terz li jkun rikonoxxut mill-Parti Kontraenti konċernata, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru uniku ta' identifikazzjoni ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Parti Kontraenti konċernata mill-pajjiż terz konċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża.

13 03 018 000 Indirizz:

13 03 018 019 Triq u numru

Daħħal l-isem tat-triq tal-indirizz tal-parti u n-numru tal-binja jew tal-faċilità.

13 03 018 020 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - il-kodiċi XI huwa fakultattiv.

13 03 018 021 Kodiċi postali

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għad-dettalji tal-indirizz relatati.

13 03 018 022 Belt:

Daħħal l-isem tal-belt tal-indirizz tal-parti.

13 06 000 000 Rappreżentant

Din l-informazzjoni għandha tkun meħtieġa, jekk ikun differenti mill-E.D. 13 07 000 000 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu.

13 06 017 000 Numru ta' identifikazzjoni

Daħħal in-numru EORI tal-persuna konċernata jew in-numru ta' identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża.

13 06 030 000 Status

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jirrappreżenta l-istatus tar-rappreżentant.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Daħħal wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin qabel l-isem sħiħ biex jiddeżinja l-istatus tar-rappreżentant:

2	Rappreżentanza diretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f'isem u għan-nom ta' persuna oħra)
3	Rappreżentanza indiretta (ir-rappreżentant doganali jaġixxi f'ismu stess, imma għan-nom ta' persuna oħra)

Il-kodiċi 3 huwa irrilevanti għall-proċedura ta' tranżitu doganali.

13 06 074 000 Persuna ta' kuntatt

13 06 074 016 Isem

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

13 06 074 075 Numru tat-telefon

Daħħal in-numru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt.

13 06 074 076 Indirizz tal-posta elettronika

Daħħal l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt.

13 07 000 000 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu:

13 07 016 000 Isem:

Daħħal l-isem sħiħ (persuna jew kumpanija) u l-indirizz tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu. Fejn xieraq, daħħal l-isem sħiħ (persuna jew kumpanija) tar-rappreżentant awtorizzat li jippreżenta d-dikjarazzjoni ta' tranżitu għan-nom tad-detentur tal-proċedura.

13 07 017 000 Numru ta' identifikazzjoni

Daħħal in-numru EORI tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jew in-numru ta' identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża.

13 07 018 000 Indirizz:

13 07 018 019 Triq u numru

Daħħal l-isem tat-triq tal-indirizz tal-parti u n-numru tal-binja jew tal-faċilità.

13 07 018 020 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

13 07 018 021 Kodiċi postali

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għad-dettalji tal-indirizz relatati.

13 07 018 022 Belt

Daħħal l-isem tal-belt tal-indirizz tal-parti.

13 07 074 000 Persuna ta' kuntatt

13 07 074 016 Isem

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

13 07 074 075 Numru tat-telefon

Daħħal in-numru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt.

13 07 074 076 Indirizz tal-posta elettronika

Daħħal l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt.

13 14 000 000 Attur addizzjonali fil-katina tal-provvista

L-atturi addizzjonali fil-katina tal-provvista jistgħu jiġu indikati hawnhekk sabiex jintwera li l-katina tal-provvista kollha kienet koperta mill-operaturi ekonomiċi detenturi tal-istatus AEO.

Jekk tintuża din il-klassi tad-data, għandu jiġi pprovdut ir-Rwol u n-numru ta' Identifikazzjoni, inkella dan l-element tad-data jkun fakultattiv.

13 14 017 000 Numru ta' identifikazzjoni

In-numru EORI jew in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-pajjiż terz għandu jiġi ddikjarat meta dan in-numru jkun ġie assenjat lill-parti. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża.

13 14 031 000 Rwol

Daħħal il-kodiċi tar-rwol rilevanti li jispeċifika r-rwol tal-parteċipanti addizzjonali fil-katina tal-provvista.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-partijiet li ġejjin jistgħu jiġu ddikjarati:

Kodiċi tar-Rwol	Parti	Deskrizzjoni
CS	Konsolidatur	Spedizjonier li jiġbor konsenji iżgħar individwali f'konsenja waħda akbar (fi proċess ta' konsolidazzjoni) li tintbagħat lil kontroparti li tirrispekkja l-istess attività tal-konsolidatur, billi taqsam il-konsenja konsolidata fil-komponenti oriġinali tagħha
FW	Spedizjonier	Parti li twettaq l-ispedizzjoni tal-oġġetti
MF	Manifattur	Parti li timmanifattura l-oġġetti
WH	Magazzinier	Parti li tieħu r-responsabbiltà għall-oġġetti mdaħħla fil-maħżen

Grupp 15 – Dati/Ħinijiet/Perjodi

15 11 000 000 Data ta' limitu

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella tar-rekwiżiti tad-data użati:

Id-data sa meta l-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Grupp 16 – Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

16 03 000 000 Pajjiż ta' destinazzjoni

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-aħħar pajjiż tad-destinazzjoni tal-oġġetti.

Il-pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa huwa definit bħala l-aħħar pajjiż li, fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-oġġetti għandhom jiġu kkonsenjati lilu.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

Għall-pajjiżi ta' tranżitu komuni - il-kodiċi XI huwa fakultattiv.

16 06 000 000 Pajjiż tad-dispaċċ

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-pajjiż li minnu l-oġġetti jkunu dispaċċati/esportati jew fejn il-moviment ta' tranżitu jinbeda u d-dikjarazzjoni ta' tranżitu tkun sottomessa.***

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

16 12 000 000 Pajjiż minn fejn tgħaddi l-konsenja

Dan l-element tad-data huwa meħtieġ meta itinerarju preskritt jiġi definit mill-uffiċċju doganali tat-tluq (ara 16 17 000 000 Itinerarju preskritt). ***

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom jgħaddu l-oġġetti bejn il-pajjiż tat-tluq u tad-destinazzjoni. Din tinkludi wkoll il-pajjiżi tat-tluq u tad-destinazzjoni tal-oġġetti.

16 12 020 000 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi(jiet) rilevanti tal-pajjiż f'sekwenza korretta tar-rotta tal-konsenja.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

16 13 000 000 Post tat-tagħbija

Identifikazzjoni tal-port, tal-ajruport, tat-terminal tal-merkanzija, tal-istazzjon tal-ferrovija jew ta' post ieħor fejn l-oġġetti jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għall-ġarr tagħhom, inkluż il-pajjiż fejn ikun jinsab. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

16 13 020 000 Pajjiż

Fejn l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal il-kodiċi tal-pajjiż għall-post fejn l-oġġetti jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża biex tinqasam il-fruntiera tal-Parti Kontraenti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Fejn il-post tat-tagħbija mhuwiex kodifikat skont l-UN/LOCODE, il-pajjiż fejn jinsab il-post tat-tagħbija jkun identifikat mill-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

16 13 036 000 UN/LOCODE

Daħħal il-UN/LOCODE għall-post fejn l-oġġetti jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għall-ġarr tagħhom biex tinqasam il-fruntiera tal-Parti Kontraenti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

UN/LOCODE kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 4.

16 13 037 000 Post

Fejn l-UN/LOCODE ma jkunx disponibbli, daħħal l-isem tal-post li fih l-oġġetti jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża għall-ġarr tagħhom biex tinqasam il-fruntiera tal-Parti Kontraenti.

16 15 000 000 Il-post fejn jinsabu l-oġġetti

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal il-post fejn l-oġġetti jistgħu jiġu eżaminati. Dan il-post għandu jkun preċiż biżżejjed biex jippermetti lid-dwana twettaq il-kontroll fiżiku tal-oġġetti.

Għandu jintuża Tip wieħed biss ta' post fl-istess ħin.

16 15 036 000 UN/LOCODE

Uża l-kodiċijiet definiti fil-Lista tal-Kodiċijiet UN/LOCODE skont il-Pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

UN/LOCODE kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 4.

16 15 045 000 Tip ta' post

Daħħal il-kodiċi rilevanti speċifikat għat-tip ta' post.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Għat-tip ta' post, uża l-kodiċijiet speċifikati hawn taħt:

A	Post magħżul
B	Post awtorizzat
C	Post approvat
D	Oħrajn

16 15 046 000 Kwalifikatur tal-identifikazzjoni

Daħħal il-kodiċi rilevanti għall-identifikazzjoni tal-post. Fuq il-bażi tal-kwalifikatur użat għandu jingħata biss l-identifikatur rilevanti.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Għall-identifikazzjoni tal-post, uża wieħed mill-identifikaturi ta' hawn taħt:

Kwalifikatur	Identifikatur	Deskrizzjoni
T	Indirizz bil-kodiċi postali	Uża l-kodiċi postali bin-numru tal-bieb jew mingħajru għal-post ikkonċernat.
U	UN/LOCODE	UN/LOCODE kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 4.
V	Identifikatur tal-uffiċċju doganali	Uża l-kodiċijiet speċifikati skont E.D. 17 05 001 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni/Numru ta' referenza
W	Koordinati tal-GNSS	Gradi deċimali b'numri negattivi għan-Nofsinhar u għall-Punent. Eżempji: 44.424896°/8.774792° jew 50.838068°/ 4.381508°

Kwalifikatur	Identifikatur	Deskrizzjoni
X	In-numru EORI	In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża. F'każ li l-operatur ekonomiku jkollu iżjed minn binja waħda, in-numru għandu jimtela b'identifikatur uniku għall-post ikkonċernat.
Y	Numru tal-awtorizzazzjoni	Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-post ikkonċernat, jiġifieri l-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' konsenjatur awtorizzat. F'każ li l-awtorizzazzjoni tikkonċerna aktar minn binja waħda, in-numru tal-awtorizzazzjoni għandu jimtela b'identifikatur uniku għall-post ikkonċernat.
Z	Indirizz	Daħħal l-indirizz tal-post ikkonċernat.

F'każ li l-kodiċi "X" (numru EORI) jew "Y" (numru tal-awtorizzazzjoni) jintuża għall-identifikazzjoni tal-post, u jkun hemm diversi postijiet assoċjati man-numru EORI jew man-numru tal-awtorizzazzjoni konċernati, jista' jintuża identifikatur addizzjonali sabiex jippermetti l-identifikazzjoni tal-post mingħajr ambigwità.

16 15 047 000 Uffiċċju doganali

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-uffiċċju doganali fejn l-oġġetti huma disponibbli għal aktar kontroll doganali.

16 15 047 001 Numru ta' referenza

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali fejn l-oġġetti huma disponibbli għal aktar kontroll doganali. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 17 05 001 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni/Numru ta' referenza

16 15 048 000 GNSS

Daħħal il-koordinati rilevanti mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) fejn l-oġġetti huma disponibbli.

16 15 048 049 Latitudni

Daħħal il-latitudni tal-post fejn l-oġġetti huma disponibbli.

16 15 048 050 Lonġitudni

Daħħal il-lonġitudni tal-post fejn l-oġġetti huma disponibbli.

16 15 051 000 Operatur ekonomiku

Uża n-numru ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku li fil-bini tiegħu l-oġġetti jistgħu jiġu kkontrollati.

16 15 051 017 Numru ta' identifikazzjoni

Daħħal in-numru EORI jew in-numru ta' identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

In-numru tal-identifikazzjoni kif definit għall-E.D. 13 02 017 000 Konsenjatur/Numru ta' identifikazzjoni għandu jintuża.

16 15 052 000 Numru tal-awtorizzazzjoni

Daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-post ikkonċernat.

16 15 053 000 Identifikatur addizzjonali

Fil-każ ta' diversi binjiet, sabiex il-post ikun speċifikat aktar preċiżament b'rabta ma' EORI, identifikazzjoni tan-negozjant f'pajjiż ta' tranżitu komuni, jew awtorizzazzjoni, daħħal il-kodiċi rilevanti fejn disponibbli.

16 15 018 000 Indirizz:

16 15 018 019 Triq u numru

Daħħal it-triq u n-numru rilevanti.

16 15 018 020 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

16 15 018 021 Kodiċi postali

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għad-dettalji tal-indirizz relatati.

16 15 018 022 Belt

Daħħal l-isem tal-belt tal-indirizz tal-parti.

16 15 081 000 Indirizz bil-kodiċi postali

Din is-subklassi tista' tintuża meta jkun possibbli li jiġi ddeterminat il-post fejn jinsabu l-oġġetti, bil-kodiċi postali kkomplementat min-numru tal-bieb, jekk ikun meħtieġ.

16 15 081 020 Pajjiż

Daħħal il-kodiċi tal-pajjiż.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3.

16 15 081 021 Kodiċi postali

Daħħal il-kodiċi postali rilevanti għall-post relatat fejn jinsabu l-oġġetti.

16 15 081 025 Numru tal-bieb

Daħħal in-numru tal-bieb għall-post relatat fejn jinsabu l-oġġetti.

16 15 074 000 Persuna ta' kuntatt

16 15 074 016 Isem

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

16 15 074 075 Numru tat-telefon

Daħħal in-numru tat-telefon tal-persuna ta' kuntatt.

16 15 074 076 Indirizz tal-posta elettronika

Daħħal l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna ta' kuntatt.

16 17 000 000 Itinerarju preskritt***

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika jekk ġiex applikat l-Itinerarju preskritt.

L-Itinerarju preskritt jiddefinixxi r-rotta li tulha l-oġġetti għandhom jiġu trasportata mill-uffiċċju doganali tat-tluq lejn l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tul itinerarju ekonomikament ġustifikat.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

Il-kodiċijiet rilevanti jingħataw hawn taħt:

0	L-oġġetti ma għandhomx għalfejn jiġu trasportata mill-uffiċċju doganali tat-tluq għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tul itinerarju preskritt
1	L-oġġetti għandhom jiġu trasportati mill-uffiċċju doganali tat-tluq għall-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni tul itinerarju preskritt

Grupp 17 – Uffiċċji doganali

17 03 000 000 Uffiċċju doganali tat-tluq

17 03 001 000 Numru ta' referenza

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandha tibda l-operazzjoni ta' tranżitu. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 17 05 001 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni/Numru ta' referenza

17 04 000 000 Uffiċċju doganali tat-tranżitu

17 04 001 000 Numru ta' referenza

Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali kompetenti intenzjonat għall-punt tad-dħul fit-territorju ta' Parti Kontraenti meta l-oġġetti jiċċaqilqu taħt proċedura ta' tranżitu, jew l-uffiċċju doganali kompetenti għall-punt ta' ħruġ mit-territorju ta' Parti Kontraenti fejn l-oġġetti jkunu qed jitilqu minn dak it-territorju fil-perkors ta' operazzjoni ta' tranżitu bil-qsim ta' fruntiera bejn Parti Kontraenti u pajjiż terz. Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċji doganali konċernat.

Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 17 05 001 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni/Numru ta' referenza

17 05 000 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

17 05 001 000 Numru ta' referenza

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandha tispiċċa l-operazzjoni ta' tranżitu.

Il-kodiċijiet u l-formati tagħhom li għandhom jintużaw huma:

Uża l-kodiċijiet (an8) strutturati kif ġej:

— l-ewwel żewġ karattri (a2) jidentifikaw il-pajjiż permezz tal-Kodiċi tal-Pajjiż kif imsemmi fin-nota introduttorja 8 numru 3,

is-sitt karattri li jmiss (an6) jirrappreżentaw l-uffiċċju konċernat f'dak il-pajjiż. Qed jiġi ssuġġerit li tiġi adottata l-istruttura li ġejja:

L-ewwel tliet karattri (an3) jkunu meħuda mill-kodiċi UN/LOCODE ta' isem il-post u l-aħħar tliet karattri jkunu meħuda minn suddiviżjoni alfanumerika nazzjonali (an3). Jekk din is-suddiviżjoni ma tintużax, għandhom jiddaħħlu l-karattri "000".

Eżempju: BEBRU000: BE = ISO 3166 għall-Belġju, BRU = isem il-post UN/LOCODE għall-belt ta' Brussell, 000 għas-suddiviżjoni mhux użata.

17 06 000 000 Uffiċċju doganali tal-ħruġ għat-tranżitu

17 06 001 000 Numru ta' referenza

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċji konċernat.

L-element ta' data hu meħtieġ meta dikjarazzjoni ta' tranżitu tkun kombinata ma' dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ. Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali intenzjonat fejn il-moviment ta' tranżitu jitlaq miż-żona ta' sikurezza u sigurtà.

Għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea – dan l-element ta' data mhuwiex meħtieġ meta l-moviment ta' tranżitu jkun b'segwitu tal-proċedura ta' esportazzjoni. Il-kodiċijiet li għandhom jintużaw huma:

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D.

L-identifikatur tal-uffiċċju doganali għandu jsegwi l-istruttura definita għall-E.D. 17 05 001 000 Uffiċċju doganali tad-destinazzjoni/Numru ta' referenza

Grupp 18 – Identifikazzjoni tal-oġġetti

18 01 000 000 Massa netta

Daħħal il-massa netta, espressa f'kilogrammi, tal-oġġetti konċernati mill-unità tal-oġġetti tad-dikjarazzjoni rilevanti. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġetti mingħajr ebda imballaġġ.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi tondjata b'dan il-mod:

minn 0.001 sa 0.499: aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg;

minn 0.5 sa 0.999: aġġustat 'l fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' inqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala "0." segwita minn numru ta' deċimali sa 6, filwaqt li jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

18 02 000 000 Unitajiet supplimentari°°° Unità supplimentari***:

Fejn ikun meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-unità inkwistjoni, espressa fl-unità stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikata fit-TARIC.

18 04 000 000 Massa grossa

Il-massa grossa hija l-piż tal-oġġetti, inkluż l-imballaġġ, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tiġi tondjata b'dan il-mod:

minn 0.001 sa 0.499: aġġustat 'l isfel sal-eqreb kg;

minn 0.5 sa 0.999: aġġustat 'l fuq sal-eqreb kg.

